# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Illum 12 ta' Ottubru, 2001**

**Appell Nru 307/99**

**Il-Pulizija**

**v.**

**David Zammit**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Zammit David talli fil-15 ta' Mejju, 1996 fl-10.30 a.m. u fil-jiem ta' qabel, f'Tal-Hlas Self-Service, Tal-Hlas Road, Qormi (**1**) zamm ghall-bejgh bi ksur ta' l-Artikolu 12 ta' Kapitlu 231, affarijiet ta' l-ikel li ma kienux jikkonformaw mad-dispozizzjonijiet ta' l-Avviz Legali 65 ta' l-1992, u (**2**) zamm ghall-bejgh, bi ksur ta' l-Artiklu 12 ta' Kapitlu 231 u b'kontravenzjoni ta' l-Avviz Legali 65 ta' l-1992, il-prodotti msemmijin hawn taht, liema prodotti ma kellhomx id-dikjarazzjoni mehtiega fuq it-tikketta taghhom miktuba b'wiehed mill-ilsna ufficjali ta' Malta u cioe` tmintax-il bott ta' 200g ta' "Caponata di Melanzane" tal-marka Vera; l-ewwel qorti kienet mitluba li minbarra li taghti l-piena skond il-ligi, tordna l-konfiska ta' l-oggetti ezibiti;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-7 ta' Dicembru, 1999 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi David Zammit hati skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, ikkundannatu multa ta' hamsin lira (Lm50), u ordnat il-konfiska u id-distruzzjoni tal-oggetti esebiti in konnessjoni mal-kaz;

Rat ir-rikors ta' appell tal-istess David Zammit, minnu ppresentat fid-9 ta' Dicembru, 1999, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza, semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

L-appellant ghandu diversi aggravji; qabel ma din il-Qorti tghaddi biex tikkunsidra dawna l-aggravji, pero`, trid tigi deciza l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta' l-azzjoni sollevata mill-appellant fl-udjenza tat-12 ta' Jannar, 2001. Kif inhu risaput, fil-kamp penali il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni hi materja ta' ordni pubbliku,

sollevabbli mill-Qorti *ex officio*, u li ghaliha l-akkuzat ma jistax jirrinunzja (Artikolu 694 tal-Kodici Kriminali). Dan qed jinghad ghax ghalkemm l-appellant qatt ma solleva din l-eccezzjoni quddem l-ewwel qorti u anqas indikaha bhala aggravju specifiku fir-rikors ta' appell, galadarba gibed l-attenzjoni ta' din il-Qorti ghall-fatt li l-azzjoni setghet giet preskritta (meta l-kaz kien ghadu qed jinstema' quddiem il-Qorti Inferjuri), din il-Qorti (cioe` il-Qorti ta' l-Appell Kriminali) hi obbligata li tezamina l-atti biex tara jekk effettivament kienitx iddekorriet tali preskrizzjoni.

Ir-reati ipotizzati fiz-zewg imputazzjonijiet huma delitti suggetti ghall-piena ta' prigunerija ta' anqas minn sena (Artikolu 57(2)(3), Kap. 231), u ghalhekk il-periodu ta' preskrizzjoni huwa ta' sentejn (Artikolu 688(e) tal-Kodici Kriminali). Dana l-periodu ta' preskrizzjoni jista' jinkiser (u meta jinkiser jerga' jibda jiddekorri mill-gdid) b'wiehed mill-modi indikati fis-subartikoli (1) u (2) tal-Artikolu 693 tal-Kodici Kriminali. Il-gurisprudenza, inoltre, ipparifikat id-differiment moghti fl-awla fil-presenza tal-imputat jew akkuzat man-notifika tieghu b'att tal-procediment.

Issa, fil-kaz in dizamina, ir-reati allegatament sehhew (ghall-anqas bhala l-aktar data vicina) fil-15 ta' Mejju, 1996. Mill-atti jirrisulta li fl-1 ta' Ottubru, 1996 l-appellant (allura imputat) deher quddiem il-Qorti tal-Magistrati li semghet il-provi u halliet il-kawza ghas-sentenza ghat-12 ta' Novembru ta' dik l-istess sena. Fit-<u>12 ta' Novembru, 1996</u> l-akkuzat deher quddiem dik il-qorti, pero` ghal xi raguni li ma tirrisultax mill-verbal, is-sentenza ma inghatatx, u l-kawza regghet thalliet ghas-sentenza, din id-darba ghall-21 ta' Jannar, 1997. Fil-21 ta' Jannar, 1997 l-imputat ma deherx u minn din id-data 'l quddem hemm sensiela ta' verbali mnejn jirrisulta li kull darba li ssejhet il-kawza l-imputat ma deherx. L-ewwel darba li rega' deher l-imputat quddem il-Qorti Inferjuri kien fl-udjenza <u>tas-7 ta' Dicembru, 1999</u>, meta nghatat is-sentenza appellata. Ghalkemm fl-udjenzi tat-12 ta' Jannar, 2001 u tat-8 ta' Gunju, 2001 din il-Qorti tat l-opportunita` lill-prosekuzzjoni sabiex tezibixxi r-riferti li setghu jindikaw li bejn it-12 ta' Novembru, 1996 u s-7 ta' Dicembru, 1999 il-preskrizzjoni kienet giet interrotta skond il-ligi, ebda riferta ma giet prodotta li tindika tali interruzzjoni. Ir-riferti li gew ezibiti jirreferu biss ghas-seduti (quddem il-Qorti Inferjuri) ta' bejn it-28 ta' Lulju, 1998 u t-28 ta' Settembru, 1999, <u>pero` dawn huma kollha riferti negattivi</u> u fuq l-istess riferti ma hemm ebda indikazzjoni li t-tahrika relattiva ma setghetx tigi notifikata minhabba li l-persuna imharrka – f'dan il-kaz, David Zammit – kien inheba jew telaq minn Malta (Art. 693(2)). L-unika riferta pozittiva ggib id-data tas-26 ta' Novembru, 1999, u tirreferi ghall-udjenza tas-7 ta' Dicembru, 1999, f'liema udjenza l-imputat deher u effettivament inghatat is-sentenza. Bejn it-12 ta' Novembru, 1996 (meta l-imputat kien gie notifikat bid-data tad-differiment *seduta stante*) sas-26 ta' Novembru, 1999 ghaddew ferm aktar minn sentejn, u ma hemm ebda prova li f'dana l-periodu l-preskrizzjoni giet interrotta skond il-ligi.

Ghall-motivi premessi, tilqa' l-pregudizzjali sollevata mill-appellant fl-udjenza tat-12 ta' Jannar, 2001 u tiddikjara l-azzjoni fir-rigward taz-zewg reati ipotizzati fiz-zewg imputazzjonijiet preskritta bit-trapass ta' sentejn skond l-Artikolu 688(e) tal-Kodici Krminali; konsegwentement thassar u tirrevoka s-

sentenza appellata u tillibera lill-appellant David Zammit minn kull imputazzjoni, htija w piena.

Paul Miruzzi
Deputat Registratur